**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat"**

*COM(2011) 838 final u COM(2011) 839 final*

(2013/C 11/16)

Relatur Ġenerali: **is-Sur SIBIAN**

Nhar il-25 ta' Lulju 2012, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat*

COM(2011) 838 final u COM(2011) 839 final.

Nhar is-17 ta' Settembru 2012, il-Bureau tal-Kumitat ta istruzzjonijiet lis-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma (Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-484 sessjoni plenarja tiegħu tal-14 u l-15 ta' Novembru 2012 (seduta tal-14 ta' Novembru) li jaħtar lis-Sur SIBIAN bħala relatur ġenerali, u adotta din l-Opinjoni b'142 vot favur, 2 voti kontra u 3 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar l-abbozz ta' regolament tal-IPA II

1.1 Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-approċċ il-ġdid tal-abbozz ta' regolament dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) li, meta mqabbel mal-istrument ta' qablu, joffri aktar flessibbiltà u jipprevedi trattament ugwali tal-pajjiżi benefiċjarji, minħabba li ma jagħmilx distinzjoni bejn it-tip ta' għajnuna disponibbli għall-pajjiżi kandidati u għall-pajjiżi kandidati potenzjali.

1.2 Il-KESE jappoġġja l-istrateġija l-ġdida proposta fl-abbozz ta' regolament tal-IPA II li ser tippermetti li jingħata appoġġ speċifiku għal kull pajjiż benefiċjarju. Ser jiġu adottati dokumenti ta' strateġija pluriennali komprensivi għal kull pajjiż individwali skont il-ħtiġijiet u l-aġendi speċifiċi ta' kull wieħed minnhom hekk kif ikunu qed iħejju biex jissieħbu fl-UE.

1.3 Il-KESE jqis li r-reviżjoni tad-dokumenti ta' strateġija f'nofs it-term tista' tkun tard wisq u jipproponi li r-reviżjoni ssir sa mhux aktar tard minn nofs it-term. Huwa importanti li jkun hemm enfasi fuq il-ksib tal-objettivi; għaldaqstant il-flessibbiltà hija essenzjali. Il-KESE jirrakkomanda li qabel ma jsiru r-reviżjonijiet ta' nofs it-term, issir reviżjoni annwali sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-appoġġ. Ir-rapporti ta' progress annwali tal-Kummissjoni Ewropea jistgħu jservu bħala bażi soda għar-reviżjoni u l-adattament tal-ipprogrammar skont il-ħtiġijiet tal-pajjiżi kkonċernati.

1.4 Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-għan tal-abbozz ta' regolament ġdid li jissemplifika u jnaqqas il-piż amministrattiv involut fil-ġestjoni tal-assistenza finanzjarja. Madankollu, il-KESE għandu d-dubji dwar l-approċċ abbażi tas-settur għall-allokazzjoni tal-assistenza. Dan il-mekkaniżmu għandu jintuża bil-galbu, skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull pajjiż benefiċjarju, filwaqt li jitqies li l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni hija mfassla biex tgħin lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali jippreparaw għal sħubija futura. L-IPA jagħti lill-pajjiżi "eżerċizzju ta' prova" tal-obbligi tas-sħubija qabel l-adeżjoni, inkluż dwar il-mod kif għandhom imexxu l-fondi strutturali, ta' koeżjoni, agrikoli u tal-iżvilupp rurali. Għaldaqstant, kull approċċ abbażi tas-settur għandu jintuża biss meta jkunu jeżistu regoli u proċeduri adegwati (pereżempju b'rabta mar-regoli għall-akkwist, il-kunflitti ta' interess, eċċ.) u meta l-pjan tal-infiq tal-baġit tal-Istat ikun wiesa' biżżejjed u ma jitfassalx biss fuq bażi annwali. Normalment, l-approċċ abbażi tas-settur huwa marbut mas-setturi bħas-saħħa, l-edukazzjoni, eċċ. filwaqt li l-assistenza tal-IPA tiffoka wkoll fuq is-setturi bħal dak kontra l-korruzzjoni u l-bini tal-kapaċità għall-amministrazzjoni pubblika, li fil-każ tagħhom hemm inqas ċans li jikkonformaw ma' dan l-approċċ għax m'hemmx istituzzjoni waħda biss, iżda diversi korpi li jirċievu l-assistenza.

1.5 Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-enfasi li l-abbozz ta' regolament il-ġdid ipoġġi fuq iż-żieda fil-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ma' donaturi oħra u ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u oħrajn fil-livell strateġiku.

1.6 Il-KESE jilqa' bi pjaċir ukoll il-flessibbiltà prevista mill-istrument il-ġdid li tippermetti li l-allokazzjonijiet jiġu trasferiti minn qasam ta' politika għal ieħor, u jagħmilha possibbli li l-fondi jiġu trasferiti minn sena għal oħra ([1]).

([1]) Fejn dan huwa permess taħt ir-Regolament Finanzjarju ġdid.

1.7 Il-KESE jenfasizza l-bżonn li fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-IPA II, tiġi appoġġjata u żviluppata s-sjieda lokali. Għal dan il-għan, għandhom jitwaqqfu mekkaniżmi adegwati biex jiġu involuti l-awtoritajiet nazzjonali, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili u li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom. L-involviment tagħhom għandu jitħeġġeġ fil-fażijiet kollha tal-assistenza: it-tfassil u t-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni. L-assistenza pprovduta lis-soċjetà ċivili għandha tasal permezz tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ intermedjarji lokali u ċ-ċentri tar-riżorsi nazzjonali.

1.8 Il-proċess tat-tkabbir tal-UE jeħtieġ l-armonizzazzjoni tal-liġijiet soċjali u dawk tax-xogħol fil-Balkani tal-Punent mal-*acquis* soċjali tal-UE. Għaldaqstant, l-IPA II ser isir katalista għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, il-koeżjoni soċjali, ix-xogħol deċenti u l-impjiegi ta' kwalità fir-reġjun.

## 2. L-abbozz ta' regolament tal-IPA II: l-elementi ewlenin

2.1 L-abbozz ta' regolament dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) jistabbilixxi l-qafas leġislattiv għall-istrument finanzjarju ġdid (IPA II), billi jieħu post dak attwali li ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.

2.2 L-istrument il-ġdid ta' qabel l-adeżjoni jiffoka fuq il-ksib tar-riżultati tal-politika ta' tkabbir u jgħin fil-promozzjoni tal-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità fl-Ewropa. L-istrument il-ġdid jappoġġja l-pajjiżi kandidati ([2]) u l-kandidati potenzjali ([3]) biex jissieħbu fl-UE hekk kif ikunu qed jippreparaw għal din is-sħubija.

2.3 Peress li l-iżvilupp soċjoekonomiku ta' dawn il-pajjiżi (ħlief għall-Islanda) huwa baxx, u minħabba li hemm bżonn li jkunu ppreparati biex jiffaċċjaw l-isfidi globali u li jadattaw għall-isforzi tal-UE biex tindirizzahom, joħroġ biċ-ċar li hemm bżonn ta' investimenti sostanzjali u orjentati lejn ir-riżultati biex dawn il-pajjiżi jitqarrbu lejn l-istandards tal-UE. L-abbozz ta' regolament tal-IPA II joffri assistenza teknika u finanzjarja lil dawn l-istati għax waħedhom ma jistgħux jifilħu għall-ispejjeż u l-isforzi kollha neċessarji biex jilħqu l-kriterji għas-sħubija fl-UE.

2.4 Ir-referenza finanzjarja prevista fl-abbozz ta' regolament dwar l-IPA II għall-perjodu 2014-2020 ser tkun ta' madwar EUR 14-il biljun.

2.5 L-istrument il-ġdid huwa mfassal biex jippermetti aktar flessibbiltà u biex jissemplifika u jnaqqas il-piż amministrattiv involut fil-ġestjoni tal-assistenza finanzjarja.

2.6 Is-semplifikazzjoni ser titlob li terġa' tiġi organizzata mill-ġdid l-istruttura tal-komponent tal-assistenza tal-IPA fis-seħħ bħalissa, u dan jagħmilha possibbli li l-qafas leġislattiv jiġi semplifikat u jiġi pprovdut aċċess mhux divrenzjat għall-assistenza taħt kull qasam ta' politika għal kull stat (kemm jekk ikun pajjiż kandidat jew pajjiż kandidat potenzjali). Mill-ħames komponenti tal-verżjoni ta' qabel tal-istrument tal-IPA, tnejn biss qabel kienu miftuħin għall-pajjiżi kandidati potenzjali (Assistenza għat-tranżizzjoni u l-bini ta' istituzzjonijiet u l-Kooperazzjoni transkonfinali), filwaqt li t-tlieta l-oħra kienu disponibbli biss għall-pajjiżi kandidati (Żvilupp Reġjonali, Żvilupp tar-riżorsi umani u Żvilupp Rurali).

## 3. Kummenti speċifiċi dwar l-abbozz ta' regolament IPA II

3.1 Flimkien mal-appoġġ għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tagħhom u l-libertajiet fundamentali u r-rispett imsaħħaħ lejn id-drittijiet tal-minoranzi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni, il-libertà tal-istampa kif ukoll il-promozzjoni ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwi li l-Artikolu 2(1)(a)(ii) ikun jinkludi l-promozzjoni tad-drittijiet soċjali u l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli biex tiġi enfasizzata l-importanza li l-pajjiżi benefiċjarji għandhom jagħtu lil dawn id-drittijiet, u għaldaqstant jiġi żgurat il-bilanċ mitlub bejn l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tad-demokrazija u s-soċjetà ċivili.

3.2 Għaldaqstant, l-indikaturi proposti li jissemmew fl-Artikolu 2(2) għandhom jiġu adattati biex iqisu dawn l-emendi. Għalhekk wieħed mill-indikaturi għandu jkun il-livell ta' żvilupp tas-soċjetà ċivili u l-kapaċità tal-imsieħba soċjali u ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħra. Indikatur ieħor li għandu jiġi inkluż fl-abbozz ta' regolament huwa r-rispett tad-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn gruppi vulnerabbli.

3.3 L-appoġġ mill-IPA għandu jgħin biex jingħelbu l-esklużjoni soċjali u d-differenzi li qegħdin dejjem jikbru fis-soċjetà u għandu jappoġġja l-aċċess minn gruppi u reġjuni esklużi soċjalment għall-fondi. Għaldaqstant, il-KESE jqis li, minbarra l-indikatur imsemmi fl-Artikolu 2(2)(1), għandu jiġi inkluż ukoll indikatur ieħor marbut mal-ġustizzja soċjali u l-istrateġiji tal-iżvilupp ekonomiku.

3.4 Il-KESE jqis li l-indikaturi kollha għandhom jimmiraw lejn il-ksib tar-riżultati u għandhom ikunu kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi.

3.5 Il-KESE jemmen ukoll li t-titjib tad-djalogu soċjali u l-appoġġ tal-iżvilupp tal-kapaċità tal-imsieħba soċjali huma għanijiet importanti li għandhom jingħataw aktar enfasi fl-abbozz ta' regolament. Is-sempliċi fatt li jissemmew l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u d-djalogu soċjali mhuwiex meqjus b'saħħtu u konvinċenti biżżejjed f'dan il-lat.

3.6 F'ħafna mill-pajjiżi benefiċjarji, l-imsieħba soċjali mhumiex żviluppati biżżejjed jew qed jiffaċċjaw sfidi enormi biex jaqdu r-rwol tagħhom, speċjalment f'nofs din il-kriżi ekonomika daqshekk ħarxa. L-assoċjazzjonijiet tan-negozji għandhom jiġu appoġġjati wkoll. Għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda ħafna li jsir investiment aktar strateġiku fl-appoġġ għall-iżvilupp tagħhom.

([2]) Il-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Islanda, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija.
([3]) L-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina u l-Kosovo.

3.7 Il-KESE jieħu nota tal-importanza li l-abbozz ta' regolament jagħti lill-kwistjoni tal-koordinazzjoni tad-donaturi sabiex tiżdied l-effettività u l-effiċjenza tat-twassil tal-assistenza u biex jiġi evitat il-finanzjament doppju. Madankollu, il-KESE jixtieq jara miżuri aktar speċifiċi li jistgħu jiġu adottati biex jiġi żgurat li l-koordinazzjoni tad-donaturi ssir b'mod effiċjenti kemm fil-livell tal-pajjiżi kif ukoll tal-UE.

4. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar l-abbozz ta' regolament li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (ENI)**

4.1 Il-KESE jilqa' bi pjaċir dan l-abbozz ta' regolament u speċjalment l-approċċ "aktar għal aktar", li jheġġeġ lill-pajjiżi koperti mill-istrument ([4]) juru li qed jagħmlu progress sostenibbli lejn id-demokrazija u r-rispett tad-drittijiet umani u l-liġi internazzjonali.

4.2 Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-proposta li l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għandhom ikunu objettivi trasversali fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu fil-qafas tar-regolament propost.

4.3 Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tinkludi l-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili għall-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea ta' Viċinat u d-Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija fl-abbozz ta' regolament.

4.4 Il-KESE jemmen li l-għan tas-sħubija mas-soċjetajiet rifless f'dan l-istrument għandu jissarraf fl-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-assistenza. Ir-"Rebbiegħa Għarbija" uriet kemm hu importanti li jiġu appoġġjati l-movimenti ċiviċi fil-viċinat tal-UE.

4.5 L-Istrument Ewropew ta' Viċinat għandu jsir strument flessibbli biex tiżdied il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, biex dawn ikunu jistgħu jiflu l-politiki pubbliċi u jaqdu rwol sostanzjali fil-proċessi ta' demokratizzazzjoni.

4.6 Il-KESE jirrakkomanda li jiġu stabbiliti pjattaformi għal djalogu bejn is-soċjetà ċivili u l-gvern fil-pajjiżi ġirien tal-UE, u huwa lest li jgħin lill-Kummissjoni Ewropea u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jintlaħaq dan l-għan.

4.7 Il-KESE jirrakkomanda li d-Delegazzjonijiet tal-UE jidentifikaw b'mod komprensiv l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-reġjun, għax dan jista' jgħin lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jissodaw ir-relazzjonijiet ma' soċjetà ċivili emerġenti.

4.8 Il-KESE jirrakkomanda li r-regolament dwar l-Istrument Ewropew ta' Viċinat jiffoka aktar fuq il-bini tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet fil-pajjiżi msieħba li huma responsabbli milli jipprovdu l-assistenza, biex jiġi żgurat li dawn il-fondi jintużaw b'mod wiesa', kif ukoll livell għoli ta' trasparenza fl-użu tal-fondi.

([4]) Ir-reġjun tal-Euromed u l-ġirien tal-Lvant.

4.9 Il-KESE jqis li l-Istrument Ewropew ta' Viċinat għandu jtejjeb il-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla, speċjalment permezz ta' skambji taż-żgħażagħ u l-istudenti bejn l-Unjoni u l-ġirien tagħha. L-istrument għandu jipprovdi opportunitajiet biex jinbnew netwerks li jtejbu l-kapaċità tal-NGOs fil-qasam taż-żgħażagħ fil-pajjiżi ġirien tal-UE.

4.10 Il-KESE jirrakkomanda li permezz ta' dan l-istrument, il-Kummissjoni tippromovi wkoll politika industrijali sostenibbli, responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji, politiki u negozji li jkunu responsabbli lejn l-ambjent li jappoġġjaw lill-SMEs, l-indirizzar tal-kwistjonijiet tas-suq tax-xogħol u t-titjib tal-politiki soċjali.

5. **L-abbozz ta' regolament tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat: l-elementi ewlenin**

5.1 Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) għandha l-għan li tistabbilixxi żona ta' prosperità u ta' viċinanza tajba fil-fruntieri tal-UE.

5.2 Għall-perjodu mill-2014 sal-2020, l-għanijiet tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ser ikomplu jkunu appoġġjati mill-UE permezz ta' għodda finanzjarja apposta - l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) - li se jissostitwixxi l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) stabbilit fl-2006.

5.3 L-Istrument Ewropew ta' Viċinat ser jipprovdi appoġġ akbar lill-imsieħba impenjati fil-bini ta' soċjetajiet demokratiċi u fit-twettiq ta' riformi, b'konformità mal-prinċipji ta' "aktar għal aktar" u "responsabbiltà reċiproka".

5.4 L-abbozz ta' regolament tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat jinkludi dispożizzjonijiet biex jiġu ssemplifikati diversi aspetti tal-istrument, billi jinstab bilanċ bejn il-flessibbiltà u l-importanza mogħtija lill-objettivi tal-politika u l-oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni;

5.5 L-abbozz ta' regolament tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat jippromovi l-kumplimentarjetà, il-koerenza u l-integrazzjoni ta' oqsma ta' politika prijoritarji, skont l-Istrateġija UE 2020, filwaqt li jibqa' ffukat fuq l-objettivi ewlenin tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

5.6 L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Istrument Ewropew ta' Viċinat għall-perjodu mill-2014 sal-2020 ser ikun ta' madwar EUR 18-il biljun.

6. **Kummenti speċifiċi dwar l-abbozz ta' regolament tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat**

6.1 L-azzjoni esterna tal-UE taħt dan l-istrument timmira li jkollha impatt rifless f'bidliet tanġibbli fil-pajjiżi msieħba. Kull meta jkun possibbli, l-impatt għandu jiġi monitorjat permezz ta' mekkaniżmu adegwat u valutat abbażi ta' indikaturi definiti minn qabel speċifiċi għal kull pajjiż li jkunu ċari, trasparenti u

li jistgħu jitkejlu: livelli li jkunu konkreti, jistgħu jitkejlu u jistgħu jiġu implimentati li fuqhom pajjiż jista' jiġi valutat jekk ikunx qiegħed jirrispetta l-valuri demokratiċi li l-UE tixtieq tippromovi permezz tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat.

6.2 Biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' "aktar għal aktar", parti adegwata mill-allokazzjoni tal-baġit totali taħt dan l-istrument għandha titwarrab għall-inċentivi biex jiġi pprovdut appoġġ akbar lil pajjiżi msieħba li juru progress fil-bini jew il-konsolidazzjoni ta' demokrazija profonda u sostenibbli. Barra minn hekk, dan il-prinċipju għandu jiġi implimentat b'mod li jqis ukoll il-gruppi vulnerabbli f'dawn il-pajjiżi u m'għandux iwassal għal qtugħ fl-assistenza għall-iżvilupp lil pajjiżi individwali iżda għal distribuzzjoni mill-ġdid tal-assistenza mill-gvern lejn is-soċjetà ċivili.

6.3 Id-delegazzjonijiet tal-UE għandhom jingħataw ukoll rwol ikbar fil-kooperazzjoni ma' donaturi internazzjonali oħra. Id-dokumenti msemmijin fl-Artikoli 7(1) u (2) għandhom jinkludu tabelli tad-donaturi aġġornati u dettaljati, u għandhom jiddeskrivu l-passi li jridu jittieħdu biex tittejjeb il-koordinazzjoni tad-donaturi, b'mod partikolari bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha.

6.4 Skont l-abbozz ta' regolament, fir-relazzjonijiet mal-imsieħba tagħha madwar id-dinja, l-Unjoni Ewropea hija impenjata li tippromovi x-xogħol deċenti u r-ratifikazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva ta' standards tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment. Il-qerda tat-tħaddim tat-tfal u l-importanza ta' ftehimiet ambjentali multilaterali għandha tiġi enfasizzata wkoll.

6.5 L-abbozz ta' regolament għandu jkun aktar espliċitu f'termini tat-tisħiħ tar-responsabbiltà domestika u tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu istituzzjonalizzat ta' konsultazzjoni u monitoraġġ mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-imsieħba ambjentali u soċjali u atturi mhux statali oħra.

Brussell, 14 ta' Novembru 2012.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON